---

**9 ta' Novembru, 1998**

**Imħallfin:-**

***S.T.O.* Joseph *Said* Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Keith Pelham

*versus*

Joanne Pelham

**Aċċess - Separazzjoni Personali - Minorenni**

*Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet it-talba ta' l-attur appellat u varjat il-modalitajiet ta' l-aċċess.*

Il-Qorti:-

Fil-15 ta' Jannar, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawża ta' separazzjoni ta' l-attur kontra l-konvenuta martu:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur u l-konvenuta żżewġu fl-20 ta' April, 1991, (dok. A)u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla bl-isem ta' *Christine*;

U premess illi l-ħajja miżżewġa bejniethom saret impossibbli minħabba sevizzi, theddid, inġurji u abbandun da parti tal-konvenuta;

U billi għal dawn ir-raġunijiet l-attur talab u ottjena l-awtorizzazzjoni meħtieġa mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jipproċedi f'din l-istanza kontra martu għal separazzjoni personali u dan skond digriet mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (dok. B);

U premess li l-attur baqa' jtenni lil martu tirritorna fid-dar konjugali imma din baqgħet tippersisti fis-separazzjoni *de facto* bejniethom;

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Pelham minħabba sevizzi, theddid, inġurji u abbandun da parti tal-konvenuta;

Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri miż-żwieġ tagħhom f'idejn l-attur;

Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tassenja lill-partijiet is-sehem rispettiv tagħhom anke b'nomina ta' perit biex

jillikwida l-istess komunjoni u jipproponi pjan ta' qasma u kull arranġament ieħor li din il-Qorti jogħġobha tagħmel għal-likwidazzjoni u qsim effettiv ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu ndikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eċċepiet li t-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-pretensjonijiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li hemm kawża fl-ismijiet inversi bin-numru 689/93, f'liema kawża l-konvenuta għamlet talba għall-alimenti, kura u kustodja tal-minuri wild taż-żwieġ tagħhom, kif ukoll għall-effetti l-oħra tas-separazzjoni;

Illi s-separazzjoni seħħet tort u ħtija unikament ta' l-attur minħabba sevizzi, theddid, inġurji gravi u swat u peress li huwa kkommetta stupru maritali u illi l-attur ma kienx kapaċi jżomm familja u lanqas li jmantni lill-konvenuta u lil bintu minn Ġunju ta' l-1993 u ma kienx kapaċi li jrabbi lil bint l-esponenti minħabba l-imġieba tiegħu. Għamlet ukoll riserva għall-eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha ndikati. Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' Ġunju, 1994, li permezz tiegħu ġie nnominat bħala perit legali l-Avukat Dr. Joe Azzopardi biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-rapport ta' l-istess perit legali li jinsab a fol. 30 *et seq* tal-proċess u li ġie minnu debitament ikkonfermat fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju, 1996;

Semgħet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-proċess u anke dawk tal-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi numru 689/93;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din iċ-ċitazzjoni l-attur talab lill-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali tiegħu minn ma' martu l-konvenuta minħabba nuqqasijiet tagħha u illi jiġi afdat bil-kura u l-kustodja ta' binthom minuri u illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tiġi xolta u diviża;

Illi jrid jiġi osservat illi l-konvenuta odjerna kienet ippreżentat ċitazzjoni ftit xhur qabel il-preżentata ta' din il-kawża fejn għamlet l-istess talbiet kontra l-attur odjern;

Illi skond ma jidher mill-verbal tas-16 ta' April, 1994, id-difensuri u l-partijiet qablu li l-provi li jinġabru f'din il-kawża jkunu japplikaw u jagħmlu stat għall-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi. Illi fil-kawża l-oħra li ġġib in-numru 689/93 ingħatat is-sentenza aktar kmieni llum u għalhekk il-Qorti tagħmel ampja referenza għall-kontenut ta' dik is-sentenza;

Illi fil-kawża tal-lum l-ewwel talba hija għal dikjarazzjoni ta' separazzjoni bejn il-kontendenti u t-tielet domanda tinvolvi x-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Dawn iż-żewġ talbiet ġew dettaljatament ittrattati fl-imsemmija ċitazzjoni l-oħra deċiża llum fl-ismijiet inversi. Fadal għalhekk

it-tieni domanda fejn l-attur odjern talab illi tiġi fdata f'idejh il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri li huwa kellu mill-konvenuta;

Illi dwar il-meritu prinċipali ta' din it-tieni domanda jidher li anke l-attur odjern qabel li fiċ-ċirkostanzi, u anke minħabba l-*età tenera tat-tifla, il-kura u l-kustodja għandha tibqa' f'idejn l-*omm, il-konvenuta odjerna; però, inqalgħu diversi diffikultajiet u dawn ġew irrispekkjati minn bosta rikorsi li saru fil-mori ta' din il-kawża rigwardanti l-mod ta' l-aċċess ta' kif il-konvenut ikun jista' jara lil binthom;

*Illi jrid jiġi rrilevat li l-konvenuta tbagħti minn diabete* akuta u anke għandha diffikultajiet fil-vista tagħha u jidher li d-diabete ssofri minnha ukoll il-minuri t-tifla tagħhom;

Illi, kif intqal fis-sentenza l-oħra, ma tressqux provi ċari dwar l-istat tal-marda tat-tifla u l-ħtieġa ta' kura li hija jkollha *minn żmien għal żmien; jidher li l-aċċess attwali li l-konvenut* għandu għal bintu huwa ta' tliet darbiet fil-ġimgħa, tliet kwarti kull darba u jara lil bintu għand is-Sorijiet ta' Santa Tereża ż-Żurrieq fil-presenza ta' l-attriċi; għalhekk huwa qatt ma jkollu okkażjoni li jieħu t-tifla waħdu;

Il-Qorti tifhem li, fiċ-ċirkostanzi, għalkemm għandu jibqa' jaraha tliet darbiet, u l-aċċess u ritorn isir dejjem fl-istess kunvent tas-Sorijiet, però waħda minn dawn il-viżiti għandha tkun itwal u s-Sibt jew il-Ħadd alternattivament, b'mod li l-konvenut ikun jista' jieħu lit-tifla waħdu barra mill-kunvent; il-Qorti qiegħda tasal għal din id-deċiżjoni biex it-tifla jkollha aktar *prossimità ma' missierha illi jidher illi għandu mħabba* ġenwina ta' missier lejha u li jkun opportun ukoll illi din it-tifla tkun taf mill-qrib anke lill-familjari ta' missierha; dan qed jingħad biex il-konvenut ikun jaf illi huwa m'għandux, bl-ebda mod, jieħu lit-tifla ma' xi ħbieb mhux desiderabbli jew f'xi

ħwienet, għaliex dan jista' jkun ta' dannu għall-minuri; l-istess jingħad dwar l-imġieba tiegħu meta jkun hemm it-teħid u r-ritorn tal-minuri ħalli jiġu evitati nċidenti li jistgħu jkunu trawmatiċi għall-minuri. Il-Qorti tissolleċita lill-kontendenti illi jsegwu dawn id-direttivi b'mod ċivili ħalli jevitaw il-posibbilità li t-tifla titla' b'xi kumpless fir-rigward taż-żewġ ġenituri tagħha;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi, wara li tagħmel ampja referenza għas-sentenza mogtija llum fil-kawża fl-ismijiet premessi bin-numru 689/93, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tielet domanda, peress li jiffurmaw parti mid-deċiżjoni l-oħra u tiddeċidi t-tieni domanda billi tiċħad it-talba ta' l-attur għall-kura u kustodja tat-tifla minuri, però takkordalu dritt ta' aċċess kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ħames għal tliet kwarti bil-ħinijiet, lokalità u *modalitajiet li bihom qed isir l-aċċess attwalment, waqt li* darb'oħra fil-ġimgħa, darba s-Sibt u darba l-Ħadd, alternattivament, jiġbor lit-tifla fid-9.30 ta' filgħodu mingħand l-attriċi ġewa l-kunvent ta' Santa Tereża ż-Żurrieq u hemmhekk jirritornahillha tliet siegħat wara. Il-Qorti tordna lill-attur ikompli bil-kors minnu msemmi dwar il-kura għad-diabetiċi ħalli jkun f'posizzjoni illi jista' jagħti għajnuna lill-istess bintu jekk tinqala' xi ħaġa f'dan il-ħin limitat lilu konċess minn din is-sentenza;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur";

Minn din is-sentenza appellaw iż-żewġ kontendenti. It-tnejn appellaw fir-rigward tar-regolament li għamlet l-Ewwel Qorti dwar l-aċċess tal-minuri u t-tnejn talbu li s-sentenza tiġi rriformata billi tali aċċess ikun stabbilit b'mod li, skond il-fehma rispettiva tagħhom, ikun aktar konformi ma' l-interess tal-minuri u l-esiġenzi familjari tagħhom;

Il-konvenuta ssottomettiet hekk fl-aggravju taghha:

"Illi l-aċċess li ġie akkordat lill-missier mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa eċċessiv. Jiġi umilment sottomess li jkun fl-aħjar interess tat-tifla minuri jekk l-aċċess jibqa' kif kien waqt il-mori tal-kawża u ċjoè tliet darbiet fil-ġimgha, tliet kwarti kull darba ghand is-sorijiet ta' Santa Tereża ż-Żurrieq u l-aċċess jibqa' jsir fil-presenza ta' l-esponenti minħabba l-età u l-kundizzjoni tat-tifla;

Jiġi sottomess li l-appellat kellu diġà l-opportunità jieħu ħsieb lill-attriċi (li bħal minuri tbati mill-marda tad-diabete) u wera li hu nkapaċi li jagħmel dan. Barra li ma jafx il-proċeduri neċessarji f'każijiet ta' diabete, huwa mhux kapaċi jagħti l-*injection* ghax jibża', u jħossu ħażin. Hekk ġralu l-appellat meta pprova jikkura lill-esponenti;

Mhuwiex minnu li l-appellat qiegħed imur kors dwar il-kura ghad-dijabetiċi u huwa mhux f'posizzjoni li jagħti ghajnuna lil bintu jekk tinqala' xi ħaġa waqt l-aċċess ghax jekk ikollu bżonn jagħtiha l-*injection* jibża' u jħossu ħażin;

Jiġi għalhekk sottomess li jkun fl-aħjar interess tat-tifla li l-aċċess lill-missier jiġi ristrett ghal tliet darbiet fil-ġimgha ghal tliet kwarti kull darba ghand is-sorijiet ta' Santa Tereża ż-Żurrieq u l-aċċess jibqa' jsir fil-presenza ta' l-esponenti minħabba l-età u l-kundizzjoni tat-tifla. Jekk it-tifla titħalla waħedha mal-missier tista' ssofri minn xi attakk tad-dijabete u l-appellat ma jkunx kapaċi jieħu ħsiebha";

L-attur issottometta hekk fl-aggravju tiegħu:

"Illi filwaqt li japprezza li minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu, li ġieli jkollu jaħdem bil-lejl, huwa mhuwiex

f'posizzjoni li jinsisti għall-kura u kustodja ta' bintu u rrinunzja għal dan minn jeddu waqt il-mori tal-kawża;

Illi l-attur, iżda, talab li jkollu aċċess iżjed ampju minn dak preżenti;

Illi sabiex ikun żgur li bintu tkun koperta l-ħin kollu, huwa ħa l-inizzjattiva sabiex jittrenja ruħu medikament sabiex ikun jista' jdur b'bintu li hija dijabetika;

Illi l-konvenuta għandha mard serju fosthom dak li ma tarax minn għajn waħda u tara biss ftit mill-oħra;

Illi għalhekk huwa meħtieg, fl-interess ta' l-istess minuri, li ssir taf sew lil niesu li huma ta' età ferm iżgħar mill-qraba tal-konvenuta għal kull eventwalità li tista' tiġri lill-konvenuta;

Illi għalhekk huwa jissottometti illi filwaqt li lest jaċċetta l-istess ammont ta' ġranet u ħinijiet ta' aċċess fost il-ġimgħa, kif deċiżi mill-Onorabbli l-Ewwel Qorti, jixtieq li l-ħinijiet tas-Sibtijiet u l-Ħdud jiżdiedu għal nofs ta' nhar flok għal tliet siegħat biss u għalhekk jieħu l-minuri lura għall-4.00 p.m. sabiex anke jkollha ċ-ċans tiekol ma' nies l-attur u ssir tafhom aħjar";

L-appell ta' l-attur hu, kif jidher mill-aggravju fuq irriportat, limitat għall-modalitajiet ta' l-aċċess għal bintu minuri li hu kellu jkun intitolat għalih. Hu jiddikjara ruħu lest li jaċċetta l-istess ammont ta' ġranet u ħinijiet ta' aċċess fost il-ġimgħa kif determinat fis-sentenza appellata mill-Ewwel Qorti, imma jixtieq li l-ħinijiet tas-Sibtijiet u l-Ħdud jiżdiedu għal nofs ta' nhar minflok għal tliet siegħat biss. Hu għalhekk qed jitlob illi jieħu lil bintu minuri lura għand ommha fl-erbgħa ta' filgħaxija u dan ukoll biex l-istess bintu jkollha ċ-ċans li tidra lil

niesu (nies l-istess appellanti) u b'hekk issir trobbija aħjar. Minnaħa tagħha l-konvenuta appellat biex tirrestrinġi ulterjorment l-aċċess stabbilit fis-sentenza appellata. Din il-Qorti ser tqis iż-żewġ appelli kontestwalment;

F'ċirkostanzi normali, it-talbiet ta' l-attur, biex bħala missier jara lil bintu għal ftit siegħat aktar minn dak stabbilit fis-sentenza appellata tkun tidher waħda għal kollox normali u ma jista' jingħad bl-ebda mod li hi xi waħda rraġonevoli. Il-Qorti tasal biex tgħid li talbiet ta' din ix-xorta, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi għaliex kellhom jiġu miċħuda, kellhom jiġu milqugħa fl-interess ta' l-istess minuri. Dan una volta jirriżulta, kif jidher f'dan il-każ, illi l-missier kien iħobb lil bintu, illi ma kienx hemm raġunijiet illi jiġu mċaħħda mill-kumpannija ta' xulxin għal żmien raġonevoli u illi l-ħinijiet mitluba kienu jagħtu spazju adegwat għal dan il-kuntatt essenzjali bejn il-ġenituri u l-ulied mingħajr effetti negattivi fuq il-ħajja tal-minuri. L-uniku element li l-Qorti jeħtiġilha tindaga allura fil-każ taħt eżami hu jekk il-fatt li l-minuri kienet tbati mid-diabete kellux jipprekludiha milli jkollha aċċess għal missierha għal żmien li hu qed jitlob;

Din il-Qorti jidhrilha li dan il-fattur waħdu ma għandux ikun ta' ostakolu għat-talba ta' l-appellant li jidher illi mhux biss interessat fil-futur ta' bintu, imma ukoll li jieħu ħsieb il-kura li din teħtieġ għall-marda tagħha. Apparti l-fatt li hu stess jikkonferma illi qiegħed f'posizzjoni li jagħti hu nnifsu din il-kura, din il-Qorti ma tarax li għandu jkun diffiċli, una volta l-minuri tkun ukoll fil-kumpannija tal-qraba ta' missierha, illi jkun hemm min ikun f'posizzjoni illi jagħti tali kura. Mill-banda l-oħra, għandu jiġi ukoll nnotat illi t-tifla qed tikber u ċertament hi llum f'posizzjoni li tibda tirrealizza l-implikazzjonijiet ta' l-inkonvenjent li għandha u l-bżonn illi tingħata ċerta attenzjoni u kura. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-minuri ma għandhiex titrabba f'atmosfera ta' protezzjoni żejda minħabba marda li llum hu

aċċettat li tista' tiġi adegwatament kontrollata, imma għandu jsir kull sforz biex it-tifla tiġi mogħtija t-trobbija normali. F'dan il-kuntest hu ukoll għaqli li jingħata l-aċċess li qed jintalab mill-missier fl-ambjent tal-familja mmedjata tiegħu. Għal kull buon fini din il-Qorti ser timponi biss il-kondizzjoni li għall-ewwel xahrejn meta l-viżiti jkunu itwal u ċjoè nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd, ikun hemm aċċessibbli waqt il-viżita, persuna kwalifikata u ċjoè *nurse* biex tkun tista' tassisti jekk u meta jinqala' l-bżonn. Dwar dan l-aċċess kif issa modifikat, il-Qorti tibqa' dejjem fil-posizzjoni li tindaga u tirrevedi skond dak li hu l-aħjar *interess tal-minuri*;

Għal dawn il-motivi, l-appell ta' l-attur fir-rigward ta' l-aċċess tiegħu għall-minuri qed jiġi milqugħ bil-kawtela msemmija. Il-missier ikollu d-dritt illi jirritorna lil bintu minuri s-Sibt jew il-Ħadd fil-ħin ta' l-erbgħa ta' filgħaxija (4.00 p.m.) *f'idejn ommha l-konvenuta b'dan illi fl-ewwel xahrejn minn dan* l-arranġament għandha tkun preżenti waqt dawn il-viżiti *nurse* kwalifikata nkarigata mill-istess appellant bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti. Għal dan il-fini, l-appellant għandu jagħmel rikors li fih jindika din il-persuna l-kwalifiki tagħha, bil-visto tal-kontroparti. Hekk din il-Qorti qed tiddisponi ukoll mill-appell tal-konvenuta fuq l-istess meritu;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti u dawk tal-prim'istanza għandhom jibqgħu kif ġà deċiżi mill-Ewwel Qorti.